MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 13/2011

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li in forza tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta’ Gunju 2002 skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli

ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi ghalhekk, iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tal-10 ta' Gunju 2002 hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett fil-ligi.

Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' C D, li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici in kwantu z-zwieg huwa null u bla effett ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attur.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fis-sena 2002. Dan iz-zwieg, li minnu ma twieldux tfal, ma rnexxiex. Ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita'. L-intimata tammetti.

Irid mal-ewwel jigi senjalat principju fondamentali.

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni*

*cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega*", ("**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006).

Inoltre,

"*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju*", ("**Anna Tonna vs Alexander Tonna**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Fil-kaz in ezami, l-unici provi prodotti huma affidavit tal-istess rikorrenti u iehor tas-siehba attwali tieghu. Minn imkien fihom ma jirrizulta ebda vizzju tal-kunsens.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------